**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Jannar 2022**

**Rikors nru: 465/2021 AGV :**

**JG**

**vs**

**EG G**

**Il-Qorti rat ir-rikors ta' JG , datat 6 ta' Ottubru 2021** espona bir-rispett u bil-gurament tieghu kkonferma:-

Illi l-partijiet izzewgu gewwa Malta fl-1 ta' Marzu 2013 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta` kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo 11 ta’ Jannar 2021 (Ara Dok. A);

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati de facto mit-30 ta’ Mejju 2019, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi skond l-Artikolu 4 tal-istess kuntratt ta` separazzjoni personali l-partijiet reciprokament irinunzjaw milli jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin.

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li l-intimata ma ghandhiex oggezzjoni ghall-ghoti tad-divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**